

- b) in-numri tat-telefon tal-utenti tas-servizzi u/jew
- c) l-indirizzi IP użati mill-utenti ta' servizzi sabiex jittellgħu fajls kontrafatti, kif ukoll il-mument preċiż ta' dan it-tluġh ta' fajls?

2) Fil-każ li l-punt (c) tal-ewwel domanda jingħata risposta fl-affermattiv:

L-informazzjoni li għandha tingħata skont l-Artikolu 8(2)(a) tad-Direttiva 2004/49 tinkludi wkoll l-indirizz IP li l-utent li jkun preċedentement tella' fajls kontrafatti uża l-iktar reċentement sabiex jikseb aċċess għall-kont ta' utent tiegħu fuq Google/YouTube, kif ukoll il-mument preċiż ta' dan l-aċċess, irrISPettivament jekk kienx hemm jew le ksur ta' drittijiet [ta' proprjetà intellettwali] fil-kuntest ta' dan l-iktar aċċess reċenti?

(¹) Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 2, p. 32).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Ġermanja) fid-29 ta' Marzu 2019 — EIS GmbH vs TO

(Kawża C-266/19)

(2019/C 230/24)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: EIS GmbH

Konvenut: TO

Domandi preliminari

- 1) Numru tat-telefon huwa “disponibbli” fis-sens tal-istruzzjonijiet għall-ikkompletar tal-formola mudell tal-informazzjoni dwar id-drittijiet għall-irtirar b'mod konformi mal-parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2011/83/UE (¹) jekk il-kummerċjant jindika dan in-numru tat-telefon fil-kuntest tal-informazzjoni legali jew jekk jippreżentah b'mod ċar u espliċitu fuq il-paġna prinċipali tas-sit internet tiegħu?
- 2) Numru tat-telefon huwa “disponibbli” fis-sens tal-istruzzjonijiet għall-ikkompletar tal-formola mudell tal-informazzjoni dwar id-drittijiet għall-irtirar b'mod konformi mal-parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2011/83/UE, jekk il-kummerċjant, minkejja li juża l-linja telefonika għan-negozju, ma jużax din il-linja sabiex jikkonkludi kuntratti mill-bogħod u għalhekk lanqas ma jagħmilha disponibbli għall-finijiet tal-annullament ta' kuntratti mill-bogħod, jiġifieri sabiex jirċievi dikjarazzjonijiet ta' rtirar?

(¹) Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur (ĠU 2011, L 304, p. 64).